**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum, il-Hamis, 28 ta' Settembru, 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Rodhwan Mohammed Ali Ashnaynah**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat Rodhwan Mohammed Ali Ashnayah, detentur tal-karta Police Number 23CA-072 ta' 38 sena, iben Mohammed Ali u Zaha nee' Omar imwieled il-Libja, fl-24 ta' Novembru, 1984 li permezz tagħha ġie akkużat li nhar 26 ta' Settembru 2023 f'xi hin bejn 21.00hrs u 22.00hrs waqt li kien qiegħed fi BlackBull-Gozo, fi Triq ix-Xatt, Għajnsielem u/jew fil-viċinanzi;

1. Ikkometta serq ta' *mobile phone* tal-għamla Iphone 13 pro lost li l-valur tiegħu jaqbeż aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma' jaqbiżx l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-valur u bil-ħin u dan għad-dannu ta' Johannes Malshan Sangeeth Silva Sembukutti Arachchige u/jew persuni oħra, *bi ksur tal-artikoli 261, 267 u 270 tal-Kap. 9.*

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Il-Qorti wissietu bi kliem sempliċi u li jinftiehem kif ukoll bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista' tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi.

Il-Qorti għaddiet biex temporanjament issospendiet is-seduta u akkordat ħin lill-imputat sabiex ikun jista' jirrifletti fuq din it-twissija mogħtija lilu mill-Qorti, inkluż billi, jekk irid, jikkonsulta mal-Avukat Difensur. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux ser jerġa' lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-preżenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat din il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih skont kif intqal aktar 'il fuq;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u din għalhekk ġiet sodisfaċentement pruvata.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi inflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tieħu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, il-fedinal penali tiegħu li hija netta, il-fatt illi l-mobile phone ġie mgħoddi lill-Pulizija u ritornat lil sidu, kif ukoll l-ammissjoni bikrija tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270 u 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Rodhwan Mohammed Ali Ashnaynah ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal tnax-il xahar priġunerija sospiżi bi tlett snin.

Il-Qorti wissiet lill-imputat illi jekk jikkommetti reat matul it-tlett snin imsemmija ż-żmien mogħti ta' priġunerija jsiru effettivi.

Finalment, ai termini tal-artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fit-terminu stipulat fl-istess artikolu, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skennjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skennjata tas-sentenza odjerna.

Brigitte Sultana
Maġistrat

Mary Jane Attard
Deputat Reġistratur